MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2010

Numru 437/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Malcolm Spiteri)**

**vs**

**PAUL BORG**
**JANESIA GALEA**

Il-Qorti rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Paul Borg ta’ 25 sena bin Michael u Marianna nee’ Bugeja imwieled Pieta’ fl-20 ta’ Jannar 1979, joqghod Flat 16, Block G, Triq il-Lellux, St. Lucija u detentur ta’ karta tal-identita’ b’numru 072179(M)

U Janesia Galea t’21 sena bint Saviour u Maria Dolores nee’ Urry imwielda Pieta’ fil-15 t’Ottubru 1982, toqghod Block B, Flat 15, Triq M. De Domenicis, St. Lucija u detentrici tal-karta ta’ l-identita’ b’numru 0533782 (M)

Billi gew akkuzati talli fit-28 ta’ Mejju 2004 ghal habta ta’ 5.40 pm f’Rahal Gdid, volontarjament kissru il-paci publikka u bon ordni b’ghajjat, storbju, glied jew mod iehor u dan bi ksur ta’ l-artikolu 338 (dd) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Kif ukoll talli fl-istess hin, data, hebbew ghal PC 921 David Sciberras minn Marsascala waqt il-qadi ta’ dmirijietu bhala ufficcjal tal-pulizija u kkagunawlu feriti ta’ natura hafifa hekk kif iccertifikat it-tabiba Dr. A. Portelli Md mic-centru tas-sahha ta’ Rahal Gdid u dana bi ksur ta’ l-artikolu 96 (a) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Kif ukoll talli ostakolaw lill-ufficcjal tal-pulizija PC 921 David Sciberras waqt il-qadi ta’ dmirijietu u m’obdewx l-ordnijiet ta’ l-istess uficcjal u dana bi ksur ta’ l-artikolu 338 (ee) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U Paul Borg wahdu gie akkuzat
Talli garr oggetti iebsin fid-direzzjoni ta’ PC 921 David Sciberras u dana bi ksur ta’ l-artikolu 339 (c) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi qal fil-publiku kliem oxxen u ndecenti li jikkonsisti f’dagha u dana bi ksur ta’ l-artikolu 338 (bb) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.;

U aktar tali ma kellux il-licenzja tat-triq imwahhla fuq il-mutur ta’ ghamla Peugeot b’numru ta’ registrazzjoni HAB-986 u dana bi ksur ta’ l-artikolu 28 (1) tal-kap 65.11 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Kif ukoll talli ma kellux il-mirja tal-gnub ta’ l-istess mutur imwahhlin fil-post allokat ghalihom u dana bi ksur ta’ l-artikolu 95 (1) tal-kap 65.11 tal-Ligijiet ta’ Malta

U finalment talli huwa recidiv fuq sentenza mahruga mill-qrati ta’ Malta moghtija mill-Magistrat Dr. C. Scerri Herrera LLd. Datata 8 t’Awissu 2002 liema sentenza hija defenittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet mitluba ili barra li taghti il-piena stabillita mill-Ligi tapplika ukoll l-Art. 383 tal-Kap 9 tal-Kodici Krimijnali kif ukoll tordna lil-imputati ihallus l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti skond L-Art. 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba ili barrra il-piena stabilita tapplika ukoll l-art 383 tal-Kap. 9.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok. MS5 u li jinsab a fol. 12 tal-Process u nnutat li l-imputati Paul Borg u Janesia Galea m'ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat ukoll li fis-Seduta tallum l-imputati iddikjaraw li huma hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom.

Il-Qorti wissiet lill-imputati bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghhom u taghthom ftit taz-zmien sabiex jiddeciedu jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, u wara li gew mistoqsija jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, l-imputati wiegbu li huma hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Frans Micallef u Dr Robert Abela ghall-imputat Paul Borg iddikjaraw li jaqblu li l-imputat Paul Borg ghandu problema ta' abbuz mid-droga u li l-istess imputat Paul Borg ghandu bzonn assistenza dwar dan l-abbuz.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat fil-konfront tal-imputat Paul Borg l-artikoli 17, 338(dd), 96(a), 338(ee), 339(1)(c), 338(bb), 342, 49 u 50 tal-Kap. 9, ir-Regolament 51(7)(c) tal-Avviz Legali 476/2004 u r-Regolament 95(1) tal-Avviz Legali 128/1994.

Issib lill-imputat Paul Borg, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Frans Micallef u Dr Robert Abela ghall-imputat Paul Borg iddikjaraw li jaqblu li l-imputat Paul Borg ghandu problema ta’ abbuz mid-droga u li l-istess imputat Paul Borg ghandu bzonn assistenza dwar dan l-abbuz, tiddeciedi ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta li tpoggi lill-imputat Paul Borg taht ordni ta’ probation ghal perjodu ta’ tlett (3) snin millum u dan bil-ghan li ma jkunx hemm ripetizzjoni ta’ reati simili u li l-imsemmi imputat Paul Borg ikun assistit biex jeghleb l-abbuz tad-droga u inoltre tikkundanna lill-imsemmi imputat Paul Borg ghall-piena ta’ mitejn u tlieta u tletin Euro (Euro 233) multa.

Rat fil-konfront tal-imputata Janesia Galea l-artikoli 17, 338(dd), 96(a) u 338(ee) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputata Janesia Galea, fuq ammissjoni, hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluza l-fedina penali netta tal-imsemmija imputata, tillibera lill-istess imputata Janesia Galea taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sentejn (2) millum.

Inoltre, il-Qorti, a tenur tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, torbot lill-imputati Paul Borg u Janesia Galea b’obbligazzjoni personali ta’ elf Euro (Euro 1000) kull wiehed li jzommu il-kwiet ma’ PC 921 David Sciberras u li jzommu il-bonordni pubbliku ma’ kulhadd ghal zmien sena millum.

Il-Qorti tordna li d-digriet anness ma’ din is-Sentenza dwar il-kundizzjonijiet tal-probation order fil-konfront tal-imputat Paul Borg jifforma parti integrali minn din is-Sentenza.

Il-Qorti tordna n-notifika ta’ kopja ta’ din is-Sentenza u tad-Digriet anness ma’ din is-Sentenza lid-Direttur tal-

Probation Services sabiex dan jassenja Ufficjal tal-Probation lill-imputat Paul Borg.

L-Ufficjal tal-Probation assenjat ghandu jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-hati Paul Borg kull sitt xhur.

Il-Qorti tat lill-imputat Paul Borg l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 7(7) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti tat lill-imputata Janesia Galea l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------